2024/2887

18.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2887

tal-15 ta' Novembru 2024

li jispeċifika l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data* għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 tal-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali fid-dominju tal-forza tax-xogħol f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fil-livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008, u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni akkurata tal-istħarriġ kampjun fid-dominju tal-forza tax-xogħol, jeħtieġ jiġu speċifikati l-elementi tekniċi tas-sett tad-*data* għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 dwar l-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali.

(2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-elementi tekniċi tas-sett tad-*data* għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 dwar l-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali fid-dominju tal-forza tax-xogħol għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Deskrizzjoni tal-format tekniku tal-varjabbli li jridu jinġabru għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 dwar l-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali fid-dominju tal-forza tax-xogħol u l-kodifikazzjoni li trid tintuża.

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi	Tikketta	Filtru	Tikketta tal-filtru	Sett minimu tal-varjabbli	Tip ta' varjabbli
3d. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	Impjieg tal-pjattaformi diġitali	DPWORK	Qasam tal-attività tax-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	01	Attivitajiet tal-bejgħ tal-oġġetti	AGE = 15–64	Persuni ta' bejn il-15 u l-64 sena	Mhux rilevanti	Miġbura
				02	Servizzi tal-konsenja (trasport tal-oġġetti biss)				
				03	Servizzi tat-taxi (trasport tal-persuni)				
				04	Attivitajiet tal-kiri tal-akkomodazzjoni				
				05	Servizzi tal-IT				
				06	Servizzi mediċi				
				07	Tindif u xogħol tal-idejn				
				08	Ħolqien tal-kontenut bħal videos jew kitbiet bi ħlas				
				09	Xogħol ieħor fuq il-pjattaformi diġitali				
				10	L-ebda xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				99	Mhux applikabbli				
		DPINTENS	Intensità tax-xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	1	Attività ta' darba	DPWORK = 01–09	Persuni li wettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar		
				2	Sporadiku, jiġifieri diversi drabi fis-sena				
				3	Bejn wieħed u ieħor kull xahar				
				4	Bejn wieħed u ieħor kull ġimgħa				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi	Tikketta	Filtru	Tikketta tal-filtru	Sett minimu tal-varjabbli	Tip ta' varjabbli
		DPHRSW	Għadd medju ta' sigħat bi ħlas maħdumin fix-xahar fl-aħħar 12-il xahar fuq il-pjattaformi diġitali	1	Inqas minn siegħa	DPWORK = 01–09	Persuni li wettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar		
				2	bejn siegħa u 9 sigħat				
				3	bejn 10 u 19-il siegħa				
				4	bejn 20 u 49 siegħa				
				5	bejn 50 u 99 siegħa				
				6	100 siegħa jew aktar				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPINC	Sehem tal-introjtu totali mix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali meta mqabbel mal-introjtu personali totali fl-aħħar 12-il xahar	1	Inqas minn kwart	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Bejn kwart u inqas minn nofs				
				3	Bejn nofs u inqas minn tliet kwarti				
				4	Tliet kwarti jew aktar				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPMR	Raġuni ewlenija għax-xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	1	L-unika opportunità tax-xogħol disponibbli	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Flessibbiltà tal-organizzazzjoni tax-xogħol				
				3	Opportunità ta' introjtu addizzjonali				
				4	Għall-iskopijiet tan-negozju tiegħek stess				
				5	Xogħol speċifiku mixtieq disponibbli prinċipalment, jew biss mill-pjattaforma				
				6	Raġuni oħra				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2887/oj

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi	Tikketta	Filtru	Tikketta tal-filtru	Sett minimu tal-varjabbli	Tip ta' varjabbli
		DPASG	Kompiti assenjati fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali mwettqa fl-aħħar 12-il xahar	1	Kompiti assenjati mill-pjattaforma jew mill-app	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Kompiti magħżula minn fost offerti, mill-pjattaforma jew mill-app, jew talbiet mingħand klijenti				
				3	Kompiti offruti jew applowdjati b'inizjattiva tal-persuna stess				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPREJ	Possibbiltà ta' rifjut ta' kompiti fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	1	Il-kompiti ma setgħux jiġu rrifjutati, minħabba tkeċċija jew skonnessjoni mill-pjattaforma jew mill-app	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Il-kompiti setgħu jiġu rrifjutati iżda bil-konsegwenzi (bħal telf ta' aċċess għal kompiti ta' valur jew tnaqqis fil-klassifiki)				
				3	Il-kompiti setgħu jiġu rrifjutati mingħajr konsegwenzi				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPHSET	Awtorità li tiddeċiedi meta s-sigħat tax-xogħol isiru fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	1	Sigħat tax-xogħol stabbilit għalkollox jew prinċipalment mill-pjattaforma, mill-app, jew mill-klijenti	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Sigħat tax-xogħol prinċipalment awtodeterminati, fil-limiti stabbiliti mill-pjattaforma, mill-app, jew mill-klijenti				
				3	Sigħat tax-xogħol awtodeterminati għalkollox				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi	Tikketta	Filtru	Tikketta tal-filtru	Sett minimu tal-varjabbli	Tip ta' varjabbli
		DPPSET	Awtorità għall-iffissar tal-prezzijiet fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar	1	Prezz preċiż stabbilit mill-pjattaforma, mill-app, jew mill-klijenti	DPHRSW = 2–6	Persuni li ħadmu mill-inqas siegħa bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali		
				2	Firxa tal-prezzijiet mogħtija mill-pjattaforma, mill-app, jew mill-klijenti				
				3	Negozjar tal-prezz ma' pjattaforma, ma' app, jew mal-klijenti				
				4	Prezz iffissat mill-persuna nnifisha				
				5	Prezz stabbilit minn xi parti oħra				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPINSCOV	Aċċess għal-liv bi ħlas jew għal benefiċċji tal-liv f'każ ta' mard	1	Iva, aċċess bħala ħaddiem tal-pjattaforma jew tal-app	DPINTENS = 3–4	Persuni li wettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali bejn wieħed u ieħor kull xahar jew kull ġimgħa fl-aħħar 12-il xahar		
				2	Iva, aċċess mingħand sorsi oħra li mhumiex il-pjattaforma jew l-app				
				3	Le				
				4	Ma nafx				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				
		DPMAIN	Xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali bħala impjieg ewlieni, it-tieni impjieg jew impjieg ieħor fil-ġimgħa ta' referenza	1	Impjieg ewlieni tul il-ġimgħa ta' referenza	DPWORK = 01–09	Persuni li wettqu xogħol fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar		
				2	It-tieni impjieg tul il-ġimgħa ta' referenza				
				3	Impjieg ieħor tul il-ġimgħa ta' referenza				
				4	Mhux imwettaq tul il-ġimgħa ta' referenza				
				Vojt	Mhux iddikjarat				
				9	Mhux applikabbli				